MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 210/1998/1

**Paolo Bonnici Limited**

**Vs**

**Charles Scerri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u tlettax-il lira maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm213.28,0) prezz ta' merkanzija varja lill-konvenut mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tas-sekwestru 90/98 ipprezentat fil-21 ta' Jannar 1998, tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Novembru 1997, bl-imghaxijiet legali mill-istess data. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 44 u fol 47 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-18 ta' Novembru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm213.28,0 bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Novembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Novembru 1997 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 90/98, presentat fil-21 ta' Jannar 1998.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------